DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/840

tal-25 ta' Marzu 2025

li tirrikonoxxi ċerti proġetti tal-materja prima kritika bħala Proġetti Strateġiċi skont ir-Regolament (UE) 2024/1252 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(notifikata bid-dokuemnt C(2025) 1904)

It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2024/1252 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 li jistabbilixxi qafas li jiżgura provvista sigura u sostenibbli tal-materja prima kritika u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 168/2013, (UE) 2018/858, (UE) 2018/1724 u (UE) 2019/1020 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(9) tiegħu,

Billi:

(1) Skont ir-Regolament (UE) 2024/1252 u sabiex tiġi żgurata l-provvista tal-Unjoni tal-materja prima kritika, il-Kummissjoni trid tidentifika proġetti għall-estrazzjoni, l-ipproċessar, ir-riċiklaġġ jew is-sostituzzjoni tal-materja prima strateġika, bl-għan li tali proġetti jiġu rikonoxxuti bħala Proġetti Strateġiċi skont il-qafas stabbilit fl-Artikolu 7 ta' dak ir-Regolament.

(2) F'konformità mal-Artikolu 7(3) tar-Regolament (UE) 2024/1252, fit-23 ta' Mejju 2024 il-Kummissjoni nediet sejħa għall-applikazzjonijiet għar-rikonoxximent ta' proġett tal-materja prima kritika bħala Proġett Strateġiku ([2]), bid-data limitu tat-22 ta' Awwissu 2024.

(3) Wara l-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet, fl-20 ta' Settembru 2024, il-Kummissjoni infurmat lill-applikanti dwar jekk l-informazzjoni pprovduta kinitx ikkunsidrata kompluta f'konformità mal-Artikolu 7(4) tar-Regolament (UE) 2024/1252. Meta applikazzjoni tqieset mhux kompluta, il-Kummissjoni talbet lill-applikant jippreżenta informazzjoni addizzjonali meħtieġa biex l-applikazzjoni tiġi kkompletata, fi żmien qasir.

(4) Fil-mument tad-data limitu tat-22 ta' Awwissu 2024, ġew ippreżentati 124 applikazzjoni minn proġetti proposti sitwati fl-Istati Membri, li minnhom 122 tqiesu kompluti mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 7(1) u (4) tar-Regolament (UE) 2024/1252.

(5) F'konformità mal-Artikolu 7(5) tar-Regolament (UE) 2024/1252, il-Kummissjoni infurmat lill-Bord Ewropew għall-Materja Prima Kritika (il-Bord) stabbilit bl-Artikolu 35(1) ta' dak ir-Regolament dwar l-applikazzjonijiet li l-Kummissjoni qieset kompluti.

(6) Wara dik il-verifika tal-kompletezza, il-Kummissjoni bagħtet, f'konformità mal-Artikolu 7(8) tar-Regolament (UE) 2024/1252, l-applikazzjonijiet sħaħ lill-Istati Membri li t-territorju tagħhom huwa kkonċernat mill-proġett propost.

(7) Il-Kummissjoni vvalutat dawk l-applikazzjonijiet f'konformità mal-kriterji speċifikati fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2024/1252, bl-appoġġ ta' esperti esterni b'għarfien espert professjonali fid-dimensjonijiet tekniċi, finanzjarji, ambjentali, soċjali u ta' governanza (ESG, environmental, social and governance) ta' proġett, kif ukoll fil-Klassifikazzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Riżorsi (UNFC, United Nations Framework Classification for Resources) ([3]). Il-Kummissjoni vvalutat l-applikazzjonijiet li b'mod ċar ma kinux jissodisfaw il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2024/1252 mingħajr l-appoġġ ta' dawk l-esperti esterni. L-opinjoni kkonsolidata tal-esperti esterni ffurmat il-bażi għal din id-Deċiżjoni.

([1]) ĠU L, 2024/1252, 3.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1252/oj.
([2]) Sejħa għall-applikazzjonijiet:Proġetti Strateġiċi skont l-Att dwar il-Materja Prima Kritika — il-Kummissjoni Ewropea.
([3]) *Klassifikazzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Riżorsi (UNFC) UNECE.*

(8) B'mod partikolari, il-Kummissjoni vvalutat dawk l-applikazzjonijiet fid-dawl tal-kontribut tagħhom għas-sigurtà tal-provvista tal-Unjoni tal-materja prima strateġika, il-fattibbiltà teknika, l-implimentazzjoni sostenibbli, u l-benefiċċji transfruntieri, u elenkat fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni l-proġetti li jissodisfaw il-kriterji kollha previsti fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2024/1252, u li għalhekk jenħtieġ li jiġu rikonoxxuti bħala Proġetti Strateġiċi skont dak ir-Regolament.

(9) Il-Kummissjoni pprovdiet lill-Bord il-valutazzjoni tagħha f'konformità mal-Artikolu 7(6), it-tieni subparagrafu tar-Regolament (UE) 2024/1252. L-ebda wieħed mill-proġetti elenkati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni ma rċieva oġġezzjoni mill-Istati Membri li t-territorju tagħhom huwa kkonċernat mill-proġetti proposti, f'konformità mal-Artikolu 7(8) tar-Regolament (UE) 2024/1252.

(10) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tinnotifika lil dawk kollha li applikaw għar-rikonoxximent ta' proġett bħala Proġett Strateġiku, dwar l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-Kummissjoni tinnotifika lill-applikanti kollha dwar ir-riżultat tal-valutazzjoni tagħha u r-raġunament tagħha f'konformità mal-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali u tan-negozju u tal-informazzjoni sensittiva, kunfidenzjali u klassifikata oħra, kif previst fl-Artikolu 46 tar-Regolament (UE) 2024/1252.

(11) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tipprovdi wkoll din id-Deċiżjoni lill-Bord u lill-Istat(i) Membru/i li t-territorju tiegħu/tagħhom huwa kkonċernat mill-proġett(i), f'konformità mal-Artikolu 7(9), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2024/1252.

(12) Din id-Deċiżjoni hija f'konformità mal-opinjoni tal-Bord,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-proġetti elenkati fl-Anness huma rikonoxxuti bħala Proġetti Strateġiċi.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-impriżi li ġejjin:

	Promotur tal-Proġett	**Indirizz tal-promotur**	**Isem il-Proġett**
1	Eramet	10, Boulevard de Grenelle, 75015 Pariġi, Franza	Ageli
2	RIO NARCEA RECURSOS S.A.	Monesterio a Cala, S/N, 06260, Monesterio (Badajoz), Spanja	Aguablanca Project
3	Solvay Chimica Italia Spa	Rosignano Marittimo, Via Piave 6, l-Italja	Alpha Project
4	Tokai COBEX savoie	244 rue des Epicéas, NotreDame-de-Briançon - La Léchère, Franza	BAM4EVER (Phase I&II)
5	Savannah Lithium Unipessoal, Lda	Rua 5 de Outubro, Nº 26 5460-304 Boticas, il-Portugall	Barroso Lithium Project
6a	European Bauxites	51st km National Road Lamia Amfissa, 331 00 Fokida, il-Greċja	BAUX-EU
6b	Metlen Energy and Metals	il-Greċja; 8 Artemidos str, Maroussi - Ateni, Attiki 15125, il-Greċja	GALLANT, LEADER
7	CAREMAG SAS	129 rue de Servient - Tour Part-Dieu, 69003 Lyon, Franza	CAREMAG
8	Euro Manganese Inc	709-700 West Pender Street, Vancouver, BC, V6C 1G8, il-Kanada	Chvaletice Manganese Project

	Promotur tal-Proġett	Indirizz tal-promotur	Isem il-Proġett
9	Geomet s.r.o.	Skolni 299, Mstisov, 417 03 Dubi, ir-Repubblika Ċeka	Cínovec lithium project
10	Atlantic Copper SLU	Avda. Francisco Montenegro, s/n. 21001 Huelva, Spanja	CirCular
11	UP Catalyst	Akadeemia tee 23, 12618 Tallinn, l-Estonja	CO2 Graphite
12a	IMERYS Lithium France	43 Quai de Grenelle, 75015 Pariġi, Franza	Emili processing
12b	IMERYS Ceramics France	43 Quai de Grenelle, 75015 Pariġi, Franza	Emili extraction
13	NGC Battery Materials GmbH	Reinhard-Heraeus-Ring 27, 63801 Kleinostheim, il-Ġermanja	European Initiative for Strategic and Sustainable Graphite Production
14	Umicore	Watertorenstraat 33, 2250, Olen, il-Belġju	GePETO
15	Sibanye-Stillwater Sandouville Refinery	5059 ROUTE INDUSTRIELLE, 76430 SANDOUVILLE, Franza	GALLICAM
16	Hycamite TCD Technologies Ltd	Kemirantie 15, 67900, Kokkola, il-Finlandja	Hycamite TCD Technologies Ltd
17	ORANO Batteries	Quai à Pondéreux Ouest, Route du Terminal, 59.279 Loon-Plage, Franza	Hydrometallurgy
18	Jervois Finland Oy	Metallitehtaantie 48, 67900 Kokkola, il-Finlandja	Jervois Finland Cobalt Refinery Expansion Project
19	Keliber Technology Oy	Toholammintie 496, 69600 Kaustinen, il-Finlandja	KELIBER LITHIUM
20	Terrafame Ltd	Malmitie 66, 88120 Tuhkakylä, il-Finlandja	Kolmisoppi
21	LITHIUM IBERIA, S.L.	Polígono Industrial San José Obrero, s/n, 10820, Cañaveral (Cáceres), Spanja	Las Navas
22	Itelyum Regeneration SpA	Via Tavernelle 19, 26854 Pieve Fissiraga, Lodi, l-Italja	LIFE-22-ENV- IT- INSPIREE
23	Lifthium energy, S.A.	R. Silval 37 12° piso, 2780-373 Oeiras, il-Portugall	Lift One
24	Rock Tech Guben GmbH	Balcke-Dürr-Allee 9, 40882 Ratingen, Nordrhein-Westfalen, il-Ġermanja	Lithium Hydroxide Converter Guben
25	MagREEsource	209 Route des Béalières 38360 Noyarey, Franza	MagFactory
26	RECURSOS MINERALES DE GALICIA, S.A.	Paseo Independencia nº21, 3º Piso. 50001 Zaragoza, Spanja	MINA DOADE PROJECT
27	ABENÓJAR TUNGSTEN S.L.	Ayala Street nº 10, 4º Left, Spanja	Mining project El Moto
28	Northvolt Revolt AB	Alströmergatan 20 SE-112 47 Stokkolma, l-Iżvezja	NorthCYCLE
29	SOMINCOR	Santa Barbara de Padroes, 7780-409 Castro Verde, il-Portugall	Semblana, 3RD SILO, LOMBADOR North Phase 2

	Promotur tal-Proġett	Indirizz tal-promotur	Isem il-Proġett
30	Iberian Resources Spain	Finca La Parrilla, 10132 Almoharin, Caceres, Spanja	P6 Metals
31	Elemental Strategic Metals Sp. z o.o.	05-825 Grodzisk Mazowiecki, Traugutta 42a Street, il-Polonja	POLVOLT
32	Cobre las Cruces S.A.U.	CTRA 3410, KM 4.100. 41860. GERENA. SIVILJA, Spanja	Polymetallic primary sulphite project
33	Portovesme srl	Piazzale dei Caduti della Montagnola, 7200144 Ruma, l-Italja	Portovesme CRM Hub
34	PCC Thorion GmbH	Moerser Str. 149	ProHiPerSi
35	Fortum Battery Recycling Oy	Sepänkatu 12, 29200 Harjavalta, il-Finlandja	Project Fortum Hydromet
36	Mkango Resources Ltd.	550 Burrard Street, Suite 2900. Vancouver, BC. Il-Kanada, V6C 0A3	Pulawy Rare Earths Separation Plant
37	Circular Materials s.r.l.	Viale delle Industrie 20, 20040 Cambiago (MI) l-Italja	RECOVER-IT
38	LKAB (Luossavaara-Kirunavaara AB)	Varvsgatan 45, Luleå, l-Iżvezja	ReeMAP Project: Malmberget, Lulea Industrial Park, Per Geijer
39	Umicore	Broekstraat 31 Rue du Marais, 1000 Brussell, il-Belġju	ReGAIN
40	Lusorecursos Portugal Lithium S.A.	Rua Direita, n.30, 5470-251, Montalegre, il-Portugall	Romano Mine
41	Euro Sun Mining Inc.	198 Davenport Road, Toronto, Ontario, M5R 1J2, il-Kanada	Rovina
42	Anglo American Services (UK) Ltd.	17 Charterhouse Street, Londra, EC1N 6RA, ir-Renju Unit,	Sakatti
43	Societatea Națională a Sării S.A.	Calea Victoriei nr. 220, etaj 4, sector 1, Bukarest, CP, 10099, ir-Rumanija	SALROM Baia de Fier
44	Talga AB	Södra Kungsgatan 5B, 97235 Luleå, l-Iżvezja	Talga Natural Graphite ONE
45	Verde Magnesium SRL.	21 Vointei Street, ground floor, District 5, Bukarest, ir-Rumanija	Verde Magnesium
46	Viridian Lithium	9 rue de la Krutenau, 67000 Strasburgu, Franza	Viridian Lithium
47	Vulcan Energie Ressourcen GmbH	Amalienbadstrasse 41, Bau 54, 76227 Karlsruhe, il-Ġermanja	Zero Carbon Lithium

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Marzu 2025.

Għall-Kummissjoni
Stéphane SÉJOURNÉ
Viċi President Eżekuttiv

ANNESS

LISTA TAL-PROĠETTI STRATEĠIĊI

(1) Ageli huwa proġett integrat ta' estrazzjoni u pproċessar li għaddej bħalissa fi Franza. Il-proġett promoss minn Eramet għandu l-għan li jikkontribwixxi għall-provvista tal-litju (grad tal-batterija).

(2) Aguablanca Project huwa proġett ta' estrazzjoni li għaddej bħalissa fi Spanja. Il-proġett promoss minn Rio Narcea Recursos S.A. għandu l-għan li jikkontribwixxi għall-provvista tal-kobalt, il-metalli tal-grupp tal-platinu, ir-ram u n-nikil (grad tal-batterija).

(3) Alpha Project huwa proġett ta' riċiklaġġ li għaddej bħalissa fl-Italja. Il-proġett promoss minn Solvay Chimica Italia Spa għandu l-għan li jikkontribwixxi għall-provvista tal-metalli tal-grupp tal-platinu.

(4) BAM4EVER (Phase I&II) huwa proġett ta' pproċessar li għaddej bħalissa fi Franza. Il-proġett promoss minn Tokai COBEX savoie għandu l-għan li jikkontribwixxi għall-provvista tal-grafit (grad tal-batterija).

(5) Barroso Lithium Project huwa proġett ta' estrazzjoni li għaddej bħalissa fil-Portugall. Il-proġett promoss minn Savannah Lithium, Unipessoal, Lda. għandu l-għan li jikkontribwixxi għall-provvista tal-litju (grad tal-batterija).

(6) Il-proġett BAUX-EU, GALLANT u LEADER huwa proġett integrat li għaddej bħalissa u li jikkonsisti f'komponent wieħed ta' estrazzjoni (BAUX-EU) u żewġ komponenti ta' pproċessar (GALLANT u LEADER) fil-Greċja. Il-proġett promoss minn Metlen Energy & Metals u European Bauxites għandu l-għan li jikkontribwixxi għall-provvista tal-boksajt/l-alumina/l-aluminju u l-gallju.

(7) CAREMAG huwa proġett ta' pproċessar li għaddej bħalissa fi Franza. Il-proġett promoss minn Caremag SAS għandu l-għan li jikkontribwixxi għall-provvista tal-elementi tal-materjali tal-art rari għall-kalamiti u l-boron (grad tal-metallurġija).

(8) Chvaletice Manganese Project huwa proġett integrat ta' estrazzjoni u pproċessar li għaddej bħalissa fiċ-Ċekja. Il-proġett promoss minn Euro Manganese Inc għandu l-għan li jikkontribwixxi għall-provvista tal-manganiż (grad tal-batterija).

(9) Cínovec lithium project huwa proġett integrat ta' estrazzjoni u pproċessar li għaddej bħalissa fiċ-Ċekja. Il-proġett promoss minn Geomet s.r.o għandu l-għan li jikkontribwixxi għall-provvista tal-litju (grad tal-batterija).

(10) CirCular huwa proġett ta' riċiklaġġ li għaddej bħalissa fi Spanja. Il-proġett promoss minn Atlantic Copper SLU għandu l-għan li jikkontribwixxi għall-provvista tar-ram, in-nikil u l-metalli tal-grupp tal-platinu.

(11) CO2Graphite huwa proġett ta' pproċessar li għaddej bħalissa fl-Estonja. Il-proġett promoss minn UP Catalyst OU għandu l-għan li jikkontribwixxi għall-provvista tal-grafit (grad tal-batterija).

(12) EMILI huwa proġett integrat ta' estrazzjoni u pproċessar li għaddej bħalissa fi Franza. Il-proġett promoss minn IMERYS Ceramics France u IMERYS Lithium France għandu l-għan li jikkontribwixxi għall-provvista tal-litju (grad tal-batterija).

(13) Il-proġett European Initiative for Strategic and Sustainable Graphite Production huwa proġett ta' pproċessar li għaddej bħalissa fi Franza, fin-Namibja u fil-Ġermanja. Il-proġett promoss minn NGC Battery Materials GmbH għandu l-għan li jikkontribwixxi għall-provvista tal-grafit (grad tal-batterija).

(14) GePETO huwa proġett ta' pproċessar li għaddej bħalissa fil-Belġju. Il-proġett promoss minn Umicore għandu l-għan li jikkontribwixxi għall-provvista tal-ġermanju.

(15) GALLICAM huwa proġett ta' pproċessar li għaddej bħalissa fi Franza. Il-proġett promoss mir-Sibanye-Stillwater Sandouville Refinery għandu l-għan li jikkontribwixxi għall-provvista tan-nikil (grad tal-batterija), tal-kobalt, tal-litju (grad tal-batterija), tal-grafit (grad tal-batterija), tal-manganiż (grad tal-batterija) u tar-ram.

(16) Hycamite TCD Technologies Ltd huwa proġett ta' pproċessar li għaddej bħalissa fil-Finlandja. Il-proġett promoss minn Hycamite TCD Technologies Ltd għandu l-għan li jikkontribwixxi għall-provvista tal-grafit (grad tal-batterija).

(17) Hydrometallurgy huwa proġett ta' pproċessar li għaddej bħalissa fi Franza. Il-proġett promoss minn Orano Batteries għandu l-għan li jikkontribwixxi għall-provvista tal-litju (grad tal-batterija), tal-kobalt, tan-nikil (grad tal-batterija), tal-manganiż (grad tal-batterija) u tal-grafit (grad tal-batterija).

(18) Jervois Finland Cobalt Refinery Expansion Project huwa proġett ta' pproċessar li għaddej bħalissa fil-Finlandja. Il-proġett promoss minn Jervois Finland Oy għandu l-għan li jikkontribwixxi għall-provvista tal-kobalt.

(19) KELIBER LITHIUM huwa proġett integrat ta' estrazzjoni u pproċessar li għaddej bħalissa fil-Finlandja. Il-proġett promoss minn Keliber Technology Oy għandu l-għan li jikkontribwixxi għall-provvista tal-litju (grad tal-batterija).

(20) Kolmisoppi huwa proġett ta' estrazzjoni li għaddej bħalissa fil-Finlandja. Il-proġett promoss minn Terrafame Ltd. għandu l-għan li jikkontribwixxi għall-provvista tan-nikil (grad tal-batterija) u tal-kobalt.

(21) Las Navas huwa proġett ta' estrazzjoni li għaddej bħalissa fi Spanja. Il-proġett promoss minn Lithium Iberia S.L. għandu l-għan li jikkontribwixxi għall-provvista tal-litju (grad tal-batterija).

(22) LIFE22-ENV- IT-INSPIREE huwa proġett ta' riċiklaġġ li għaddej bħalissa fl-Italja. Il-proġett promoss minn Itelyum Regeneration SpA għandu l-għan li jikkontribwixxi għall-provvista tal-elementi tal-materjali tal-art rari għall-kalamiti.

(23) Lift One huwa proġett ta' pproċessar li għaddej bħalissa fil-Portugall. Il-proġett promoss minn Lifthium energy S.A. għandu l-għan li jikkontribwixxi għall-provvista tal-litju (grad tal-batterija).

(24) Lithium Hydroxide Converter Guben huwa proġett ta' pproċessar li għaddej bħalissa fil-Ġermanja. Il-proġett promoss minn Rock Tech Guben GmbH għandu l-għan li jikkontribwixxi għall-provvista tal-litju (grad tal-batterija).

(25) MagFactory huwa proġett ta' pproċessar li għaddej bħalissa fi Franza. Il-proġett promoss minn MagREEsource għandu l-għan li jikkontribwixxi għall-provvista tal-elementi tal-materjali tal-art rari għall-kalamiti.

(26) MINA DOADE PROJECT huwa proġett ta' estrazzjoni li għaddej bħalissa fi Spanja. Il-proġett promoss minn Recursos Minerales de Galicia S.A. għandu l-għan li jikkontribwixxi għall-provvista tal-litju (grad tal-batterija).

(27) Mining Project El Moto huwa proġett ta' estrazzjoni li għaddej bħalissa fi Spanja. Il-proġett promoss minn Abenojar Tungsten S.L. għandu l-għan li jikkontribwixxi għall-provvista tat-tungstenu.

(28) NorthCYCLE huwa proġett ta' riċiklaġġ li għaddej bħalissa fl-Iżvezja. Il-proġett promoss minn Northvolt Revolt AB għandu l-għan li jikkontribwixxi għall-provvista tal-manganiż (grad tal-batterija), tal-litju (grad tal-batterija), tal-grafit (grad tal-batterija), tan-nikil (grad tal-batterija) u tal-kobalt.

(29) Il-proġett Lombador North Phase 2, Semblana u 3rd SILO huwa proġett integrat li għaddej bħalissa u li jikkonsisti f'żewġ komponenti ta' estrazzjoni (Lombador North Phase 2 u Semblana) u komponent wieħed ta' pproċessar (3rd SILO) fil-Portugall. Il-proġett promoss minn SOMINCOR għandu l-għan li jikkontribwixxi għall-provvista tar-ram.

(30) P6 Metals huwa proġett integrat ta' estrazzjoni u pproċessar li għaddej bħalissa fi Spanja. Il-proġett promoss minn Iberian Resources Spain għandu l-għan li jikkontribwixxi għall-provvista tat-tungstenu.

(31) POLVOLT huwa proġett ta' riċiklaġġ li għaddej bħalissa fil-Polonja. Il-proġett promoss minn Elemental Battery Metals SP. z.o.o. għandu l-għan li jikkontribwixxi għall-provvista tan-nikil (grad tal-batterija), tar-ram, tal-kobalt, tal-litju (grad tal-batterija), tal-metalli tal-grupp tal-platinu u tal-manganiż (grad tal-batterija).

(32) Polymetallic primary sulphide project huwa proġett integrat ta' estrazzjoni u pproċessar li għaddej bħalissa fi Spanja. Il-proġett promoss minn Cobre las Cruces S.A.U. għandu l-għan li jikkontribwixxi għall-provvista tar-ram.

(33) Portovesme CRM Hub huwa proġett ta' riċiklaġġ li għaddej bħalissa fl-Italja. Il-proġett promoss minn Portovesme s.r.l. għandu l-għan li jikkontribwixxi għall-provvista tal-litju (grad tal-batterija) u tal-manganiż (grad tal-batterija).

(34) ProHiPerSi huwa proġett ta' sostituzzjoni li għaddej bħalissa fil-Ġermanja. Il-proġett promoss minn PCC Thorion GmbH għandu l-għan li jikkontribwixxi għas-sostituzzjoni tal-grafit (grad tal-batterija).

(35) Project Fortum Hydromet huwa proġett ta' riċiklaġġ li għaddej bħalissa fil-Finlandja. Il-proġett promoss minn Fortum Battery Recycling Oy għandu l-għan li jikkontribwixxi għall-provvista tal-litju (grad tal-batterija), tal-grafit (grad tal-batterija), tar-ram, tan-nikil (grad tal-batterija) u tal-kobalt.

(36) Pulawy Rare Earths Separation Plant huwa proġett ta' pproċessar li għaddej bħalissa fil-Polonja. Il-proġett promoss minn Mkango Resources Ltd. għandu l-għan li jikkontribwixxi għall-provvista tal-elementi tal-materjali tal-art rari għall-kalamiti.

(37) RECOVER-IT huwa proġett ta' riċiklaġġ li għaddej bħalissa fl-Italja. Il-proġett promoss minn Circular Materials s.r.l. għandu l-għan li jikkontribwixxi għall-provvista tar-ram, tan-nikil (grad tal-batterija) u tal-metalli tal-grupp tal-platinu.

(38) ReeMAP Project: Malmberget, Per Geijer u Lulea Industrial Park huwa proġett integrat li għaddej bħalissa u li jikkonsisti f'żewġ komponenti ta' estrazzjoni (Malmberget u Per Geijer) u komponent wieħed ta' pproċessar (Lulea Industrial Park) fl-Iżvezja. Il-proġett promoss minn Luossavaara-Kirunavaara AB (LKAB) għandu l-għan li jikkontribwixxi għall-provvista tal-elementi tal-materjali tal-art rari għall-kalamiti.

(39) ReGAIN huwa proġett ta' sostituzzjoni li għaddej bħalissa fil-Belġju. Il-proġett promoss minn Umicore għandu l-għan li jikkontribwixxi għall-provvista tal-ġermanju.

(40) Romano Mine huwa proġett ta' estrazzjoni li għaddej bħalissa fil-Portugall. Il-proġett promoss minn Lusorecursos Portugal Lithium S.A. għandu l-għan li jikkontribwixxi għall-provvista tal-litju (grad tal-batterija).

(41) Rovina huwa proġett ta' estrazzjoni li għaddej bħalissa fir-Rumanija. Il-proġett promoss minn Euro Sun Mining Inc. għandu l-għan li jikkontribwixxi għall-provvista tar-ram.

(42) Sakatti huwa proġett integrat ta' estrazzjoni u pproċessar li għaddej bħalissa fil-Finlandja. Il-proġett promoss minn Anglo American Services (UK) Ltd. għandu l-għan li jikkontribwixxi għall-provvista tal-kobalt, tal-metalli tal-grupp tal-platinu, tar-ram u tan-nikil (grad tal-batterija).

(43) SALROM Baia de Fier huwa proġett ta' estrazzjoni li għaddej bħalissa fir-Rumanija. Il-proġett promoss minn Societatea Națională a Sării S.A. għandu l-għan li jikkontribwixxi għall-provvista tal-grafit (grad tal-batterija).

(44) Talga Natural Graphite ONE huwa proġett ta' estrazzjoni li għaddej bħalissa fl-Iżvezja. Il-proġett promoss minn Talga AB għandu l-għan li jikkontribwixxi għall-provvista tal-grafit (grad tal-batterija).

(45) Verde Magnesium huwa proġett ta' estrazzjoni li għaddej bħalissa fir-Rumanija. Il-proġett promoss minn Verde Magnesium SRL għandu l-għan li jikkontribwixxi għall-provvista tal-metall tal-manjeżju.

(46) Viridian Lithium huwa proġett ta' pproċessar li għaddej bħalissa fi Franza. Il-proġett promoss minn Viridian Lithium għandu l-għan li jikkontribwixxi għall-provvista tal-litju (grad tal-batterija).

(47) Zero Carbon Lithium huwa proġett ta' estrazzjoni li għaddej bħalissa fil-Ġermanja. Il-proġett promoss minn Vulcan Energie Ressourcen GmbH għandu l-għan li jikkontribwixxi għall-provvista tal-litju (grad tal-batterija).